Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2016/0132(COD)

19.3.2021

EMENDI
1 - 37

Abbozz ta' mandat aġġornat
Jorge Buxadé Villalba
(PE597.620v02-00)

dwar il-proposta emendata għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-"Eurodac" għat-tqabbil ta' data bijometrika għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni] u tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar ir-Risistemazzjoni], għall-identifikazzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida b'soġġorn illegali u dwar talbiet għat-tqabbil ma' data tal-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-Europol għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi (riformulat) u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/1240 u (UE) 2019/818

Proposta emendata għal regolament
COM (2020)0614 – C8-0179/2016 – 2016/0132(COD))

Emenda 1
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Kunsiderazzjoni 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari ***l-Artikolu*** 78(2)(d), (e) u (g), 79(2)(c), 87(2)(c) u 88(2)(a) tiegħu,	Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari ***l-Artikoli*** 78(2)(d), (e) u (g), 79(2)(c), 87(2)***(a) u*** (c) u 88(2)(a) tiegħu,

Or. en

Ġustifikazzjoni

Bażi ġuridika rigward l-elementi relatati mal-ġbir, il-ħażna, l-ipproċessar, l-analiżi u l-iskambju ta' informazzjoni rilevanti għal finijiet ta' infurzar tal-liġi (ftehim provviżorju - il-parti safra)

Emenda 2
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Preambolu – Punt 2 – Premessa 5ba (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5ba) Għall-fini tat-twettiq tal-kompiti stabbiliti fir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a], jeħtieġ ukoll li l-korp permanenti tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta jkollu aċċess għall-Eurodac sabiex ifittex data permezz tal-interfaċċa teknika tiegħu stess, li jenħtieġ li tiġi żviluppata u miżmuma mill-eu-LISA f'kooperazzjoni mal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta. L-esperjenza operazzjonali miksuba fl-iskjeramenti passati ta' persunal mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta turi d-diffikultajiet li kellhom il-

membri tat-timijiet, minn perspettiva ġuridika, teknika u prattika, fl-użu ta' sistemi jew interfaċċi tal-IT nazzjonali biex jaċċessaw il-Eurodac. Sabiex timmassimizza l-appoġġ u l-kapaċità operazzjonali tagħha, l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta jenħtieġ li tkun tista' tiddependi mill-kapaċitajiet tagħha stess li jinkludu wkoll sistemi tal-IT li jiffunzjonaw tajjeb.

[1a] ***Ir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624 (ĠU L 295, 14.11.2019, p. 1).***

Or. en

Emenda 3
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Preambolu – Punt 2 – Premessa 5c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5c) Bl-istess mod, għall-fini ***tal-ġestjoni tal-migrazzjoni irregolari***, huwa meħtieġ li eu-LISA titħalla tipproduċi statistiki bejn sistema u oħra bl-użu ta' data ***mill-Eurodac***, tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża, tal-ETIAS ***u*** tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ. Sabiex jiġi speċifikat il-kontenut ta' dawn l-istatistiki bejn sistema u oħra, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Dawn is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju tal-Kummissjoni	(5c) Bl-istess mod, għall-fini ***tal-għajnuna mogħtija lill-Istati Membri għall-kontroll tal-immigrazzjoni illegali***, huwa meħtieġ li eu-LISA titħalla tipproduċi statistiki bejn sistema u oħra bl-użu ta' data ***mill-bażijiet ta' data rilevanti tal-Unjoni, b'mod partikolari tal-Eurodac***, tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża, tal-ETIAS***,*** tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ ***u tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen***. Sabiex jiġi speċifikat il-kontenut ta' dawn l-istatistiki bejn sistema u oħra, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Dawn is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011

tas-setgħat ta' implimentazzjoni.";

li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju tal-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni.";

Or. en

Emenda 4
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Preambolu – Punt 3 – Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) "Għal ***dawn*** l-għanijiet, hemm bżonn li tiġi stabbilita sistema magħrufa bħala "Eurodac", li tikkonsisti ***f'Sistema*** Ċentrali u mir-Repożitorju Komuni ta' Informazzjoni dwar l-Identità stabbilit bir-Regolament (UE) 2019/818, li ***għandhom iħaddmu*** bażi ta' data ċentrali kompjuterizzata ta' data bijometrika , kif ukoll ***f'mezzi*** elettroniċi ta' trażmissjoni bejn ***dawn*** [is-Sistema Ċentrali u r-Repożitorju Komuni ta' Informazzjoni dwar l-Identità] u l-Istati Membri, minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Infrastruttura tal-Komunikazzjoni".";	(6) "Għal ***dawk*** l-għanijiet, hemm bżonn li tiġi stabbilita sistema magħrufa bħala "Eurodac", li tikkonsisti ***minn Sistema*** Ċentrali u mir-Repożitorju Komuni ta' Informazzjoni dwar l-Identità stabbilit bir-Regolament (UE) 2019/818, li ***jħaddmu*** bażi ta' data ċentrali kompjuterizzata ta' data bijometrika ***u alfanumerika***, kif ukoll ***minn mezzi*** elettroniċi ta' trażmissjoni bejn ***dawk*** [is-Sistema Ċentrali u r-Repożitorju Komuni ta' Informazzjoni dwar l-Identità] u l-Istati Membri, minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Infrastruttura tal-Komunikazzjoni".";

Or. en

Emenda 5
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Preambolu – Punt 5 – Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) "Barra minn hekk, sabiex il-Eurodac tgħin b'mod effettiv fil-kontroll ***tal-migrazzjoni irregolari*** u fid-detezzjoni ta' movimenti sekondarji ***fl-UE***, jeħtieġ li s-sistema tkun tista' tgħodd l-applikanti	(14) "Barra minn hekk, sabiex il-Eurodac tgħin b'mod effettiv fil-kontroll ***tal-immigrazzjoni illegali lejn l-Unjoni,*** u fid-detezzjoni ta' movimenti sekondarji ***fl-Unjoni***, jeħtieġ li s-sistema tkun tista'

flimkien mal-applikazzjonijiet billi torbot is-settijiet kollha ta' data li jikkorrispondu ma' persuna waħda, irrispettivament mill-kategorija tagħhom, f'sekwenza waħda.";	tgħodd l-applikanti flimkien mal-applikazzjonijiet billi torbot is-settijiet kollha ta' data li jikkorrispondu ma' persuna waħda, irrispettivament mill-kategorija tagħhom, f'sekwenza waħda.";

Or. en

Emenda 6
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 9 – Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) tgħin fil-kontroll tal-immigrazzjoni ***irregolari*** lejn l-Unjoni u fid-detezzjoni ta' movimenti sekondarji fl-Unjoni u fl-identifikazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi b'soġġorn illegali għad-determinazzjoni ta' miżuri xierqa li għandhom jittieħdu mill-Istati Membri***;***	(c) tgħin fil-kontroll tal-immigrazzjoni ***illegali*** lejn l-Unjoni u fid-detezzjoni ta' movimenti sekondarji fl-Unjoni u fl-identifikazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi b'soġġorn illegali għad-determinazzjoni ta' miżuri xierqa li għandhom jittieħdu mill-Istati Membri

Or. en

Emenda 7
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 9 – Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) tistabbilixxi l-kundizzjonijiet li skonthom l-awtoritajiet maħtura tal-Istati Membri u l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol) jistgħu jitolbu t-tqabbil tad-data bijometrika jew alfanumerika ma' dik maħżuna fis-Sistema Ċentrali għal skopijiet ta' infurzar tal-liġi għall-prevenzjoni, ir-rintraċċar jew l-investigazzjoni ta' reati terroristiċi jew reati kriminali serji oħra;	(d) tistabbilixxi l-kundizzjonijiet li skonthom l-awtoritajiet maħtura tal-Istati Membri u l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol) ***jkunu*** jistgħu jitolbu t-tqabbil tad-data bijometrika jew alfanumerika ma' dik maħżuna fis-Sistema Ċentrali ***u fir-Repożitorju Komuni ta' Informazzjoni dwar l-Identità (CIR),*** għal skopijiet ta' infurzar tal-liġi għall-prevenzjoni, ir-rintraċċar jew l-investigazzjoni ta' reati

terroristiċi jew reati kriminali serji oħra;

Or. en

Emenda 8
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 9 – Artikolu 1 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Mingħajr preġudizzju għall-ipproċessar ta' data maħsuba għall-Eurodac mill-Istat Membru ta' oriġini f'bażijiet ta' data stabbiliti skont id-dritt nazzjonali tal-Istat Membru, id-data dwar marki tas-swaba' u data personali oħra jistgħu jkunu pproċessati fil-Eurodac biss għall-iskopijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament***, fir-Regolament*** (UE) XXX/XXX [Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni] ***u fir-Regolament*** (UE) XXX/XXX [Regolament dwar ir-Risistemazzjoni] .";	2. Mingħajr preġudizzju għall-ipproċessar ta' data maħsuba għall-Eurodac mill-Istat Membru ta' oriġini f'bażijiet ta' data stabbiliti skont id-dritt nazzjonali tal-Istat Membru, id-data dwar marki tas-swaba' u data personali oħra jistgħu jkunu pproċessati fil-Eurodac biss għall-iskopijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament ***u fir-Regolamenti*** (UE) XXX/XXX [Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni]**,** (UE) XXX/XXX [Regolament dwar ir-Risistemazzjoni]**,** ***(UE) 2019/818, (UE) XXX/XXX [Regolament VIS] u (UE) 2018/1240***.";

Or. en

Emenda 9
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 10(-a) (ġdid) – Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) "ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida risistemati" tfisser ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida li, wara l-proċedura ta' risistemazzjoni skont il-liġi nazzjonali jew ir-[Regolament XXX/XXX] [Regolament dwar ir-Risistemazzjoni], jaslu fit-territorju tal-Istat Membru ta'

risistemazzjoni;

Or. en

Emenda 10
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 11 – Artikolu 4 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Is-settijiet kollha ta' data rreġistrati fil-Eurodac li jikkorrispondu mal-istess ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida għandhom ikunu marbuta f'sekwenza. Meta ***titnieda tfittxija bil-marki tas-swaba' fis-sett tad-data ta' ċittadin ta' pajjiż terz jew ta' persuna apolida*** u tinkiseb hit meta dawn jiġu mqabbla ma' mill-inqas sett ieħor ta' ***marki*** tas-swaba' f'sett ieħor ta' data li jikkorrispondi mal-istess ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida, il-Eurodac għandha awtomatikament torbot flimkien dawk is-settijiet tad-data fuq il-bażi tat-tqabbil ***tal-marki tas-swaba'***. ***Jekk ikun meħtieġ, it-tqabbil tal-marki tas-swaba'*** għandu jiġi ċċekkjat u ***kkonfermat*** minn espert ***tal-marki tas-swaba'*** f'konformità mal-Artikolu 26. Meta l-Istat Membru riċeventi jikkonferma l-hit, huwa għandu jibgħat notifika lill-eu-LISA, li tikkonferma l-konnessjoni.	6. Is-settijiet kollha ta' data rreġistrati fil-Eurodac li jikkorrispondu mal-istess ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida għandhom ikunu marbuta f'sekwenza. Meta ***jitwettaq tqabbil awtomatiku f'konformità mal-Artikoli 15 u 16*** u tinkiseb hit meta dawn jiġu mqabbla ma' mill-inqas sett ieħor ta' ***data tal-marki*** tas-swaba' ***u l-immaġni tal-wiċċ, jew ta' data tal-immaġni tal-wiċċ biss,*** f'sett ieħor ta' data li jikkorrispondi mal-istess ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida, il-Eurodac għandha awtomatikament torbot flimkien dawk is-settijiet tad-data fuq il-bażi tat-tqabbil. ***Ir-riżultat tat-tqabbil*** għandu jiġi ċċekkjat u ***vverifikat*** minn espert f'konformità mal-Artikolu 26***(4) u (5)***. Meta l-Istat Membru riċeventi jikkonferma l-hit, huwa għandu jibgħat notifika lill-eu-LISA, li tikkonferma l-konnessjoni.

Or. en

Emenda 11
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 12 – Artikolu 8ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 8ca
	Aċċess għall-Eurodac mill-korp permanenti tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta
	Għall-fini tat-twettiq tal-kompiti stabbiliti fir-Regolament (UE) 2019/1896, b'mod partikolari l-kompiti li jirrikjedu setgħat eżekuttivi msemmija fil-punti (a) u (g) tal-Artikolu 55(7) ta' dak ir-Regolament u l-għoti ta' appoġġ operazzjonali għall-implimentazzjoni tar-[Regolament (UE) XXX/ XXX] [ir-Regolament dwar l-Iskrinjar], il-membri tat-timijiet kif definiti fil-punt (17) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2019/1896 għandu jkollhom aċċess għall-Eurodac.
	Il-membri tat-timijiet għandu jkollhom aċċess għall-Eurodac u jistgħu jikkonsultawha permezz tal-interfaċċa teknika tagħha stess li għandha tiġi żviluppata u ġestita mill-eu-LISA f'kooperazzjoni mal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta. Tali interfaċċa teknika għandha tinkludi mekkaniżmu ta' awtomonitoraġġ u lloggjar biex tiġi żgurata l-legalità tal-ipproċessar tad-data u l-konformità mar-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-data kif stabbilit fir-Regolament (UE) 2018/1725.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan l-artikolu l-ġdid jiċċara l-modalitajiet ta' aċċess għall-Eurodac mill-Frontex li huwa limitat għall-membri tat-tim (il-korp permanenti) tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta għall-implimentazzjoni tal-kompiti mogħtija lilhom mil-leġiżlatur tal-UE. Dan l-artikolu l-ġdid isegwi l-approċċ meħud mil-leġiżlatur tal-UE għall-aċċess mit-Timijiet tal-EBCG għas-SIS (ara l-Artikolu 36 tar-Regolament 2018/1861) u għall-VIS (ara t-test ta' kompromess dwar ir-Regolament il-ġdid tal-VIS, l-Artikolu 45d u l-Artikolu 45e) li jirrikjedi lill-Aġenzija tiżviluppa l-infrastruttura, l-interfaċċa jew il-punt ta' aċċess tagħha stess għas-sistema ta' informazzjoni tal-UE.

Emenda 12
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 13 – Artikolu 9 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Kull xahar, eu-LISA għandha tħejji statistika dwar ix-xogħol tas-Sistema Ċentrali, li tindika b'mod partikolari:	1. Kull xahar, eu-LISA għandha tħejji statistika dwar ix-xogħol tas-Sistema Ċentrali ***u tas-CIR***, li tindika b'mod partikolari:

Or. en

Emenda 13
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 13 – Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-għadd ta' applikazzjonijiet irrifjutati li jirriżultaw mill-proċess ta' konnessjoni msemmi fl-Artikolu 4(6) u skont l-Artikolu ***12(za)***;	(b) l-għadd ta' applikazzjonijiet irrifjutati li jirriżultaw mill-proċess ta' konnessjoni msemmi fl-Artikolu 4(6) u skont l-Artikolu ***12(x)***;

Or. en

Emenda 14
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 13 – Artikolu 9 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Għall-fini li tappoġġa l-objettiv imsemmi fl-Artikolu 1(c), l-eu-LISA għandha tipproduċi statistiki bejn sistema u oħra kull xahar. Din l-istatistika ma għandhiex tippermetti l-identifikazzjoni ta' individwi u se tuża data mill-Eurodac, mis-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża,	3. Għall-fini li tappoġġa l-objettiv imsemmi fl-Artikolu 1(c), l-eu-LISA għandha tipproduċi statistiki bejn sistema u oħra kull xahar. Din l-istatistika ma għandhiex tippermetti l-identifikazzjoni ta' individwi u se tuża data mill-Eurodac, mis-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża,

mill-ETIAS ***u*** mis-Sistema ta' Dħul/Ħruġ.	mill-ETIAS**,** mis-Sistema ta' Dħul/Ħruġ ***u mis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-analiżi bejn sistema u oħra se tkun funzjonalità kritika tar-Repożitorju Ċentrali għar-Rappurtar u l-Istatistika (CRRS) stabbilit fir-Regolamenti dwar l-Interoperabbiltà. Din l-analiżi bejn sistema u oħra tkun kompluta biss jekk jittieħed kont tal-istatistika rilevanti tas-SIS, b'mod partikolari t-twissijiet tas-SIS maħruġa abbażi ta' deċiżjonijiet ta' ritorn. Din għandha twassal għal analiżi aktar preċiża għal aktar deċiżjonijiet operazzjonali u ta' politika bbażati fuq l-evidenza.

Emenda 15
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 13 – Artikolu 9 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Din l-istatistika għandha tkun disponibbli għall-Kummissjoni, ***għall-[Aġenzija*** tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil], għall-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u ***għall-Istati Membri***. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tispeċifika l-kontenut tal-istatistiki bejn sistema u oħra ta' kull xahar. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 41a(2).	Din l-istatistika għandha tkun disponibbli għall-Kummissjoni, ***għall-Istati Membri u għall-aġenziji rilevanti tal-Unjoni, b'mod partikolari l-[Aġenzija*** tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil], għall-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u ***għall-Europol***. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tispeċifika l-kontenut tal-istatistiki bejn sistema u oħra ta' kull xahar. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 41a(2).

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-istatistika bejn sistema u oħra għandha tkun disponibbli għall-aġenziji rilevanti tal-ĠAI, inkluż l-Europol. B'mod partikolari, din l-istatistika tista' tipprovdi lill-Europol b'informazzjoni prezzjuża u sservi għall-finijiet li jkollha fil-mira u żżarma networks kriminali involuti fil-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali u t-traffikar ta' bnedmin.

Emenda 16
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 13 – Artikolu 9 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Jekk tintalab mill-Kummissjoni, eu-LISA għandha tipprovdilha l-istatistika dwar aspetti speċifiċi relatati mal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament kif ukoll l-istatistika skont il-paragrafu 1 u għandha, b'talba, tagħmilhom disponibbli għal Stat Membru u ***għall-[Aġenzija*** tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil].	4. Jekk tintalab mill-Kummissjoni, eu-LISA għandha tipprovdilha l-istatistika dwar aspetti speċifiċi relatati mal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament kif ukoll l-istatistika skont il-paragrafu 1 u għandha, b'talba, tagħmilhom disponibbli għal Stat Membru u ***għall-aġenziji rilevanti tal-Unjoni, b'mod partikolari l-[Aġenzija*** tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil]***, l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u l-Europol***.

Or. en

Emenda 17
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 13 – Artikolu 9 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-eu-LISA għandha taħżen id-data msemmija fil-paragrafi minn 1 sa 4 ta' dan l-Artikolu, b'mod li ma jippermettix l-identifikazzjoni ta' individwi, għall-finijiet ta' riċerka u ta' analiżi***, u li b'hekk jippermetti lill-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu jiksbu rapporti u statistika personalizzabbli fir-repożitorju ċentrali għar-rapportar u għall-istatistika msemmi fl-Artikolu 39 tar-Regolament (UE) 2019/818***.	5. L-eu-LISA għandha taħżen id-data msemmija fil-paragrafi minn 1 sa 4 ta' dan l-Artikolu, b'mod li ma jippermettix l-identifikazzjoni ta' individwi, għall-finijiet ta' riċerka u ta' analiżi.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din hija diġà koperta fl-Artikolu 9 - paragrafu 6.

Emenda 18
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 13 – Artikolu 9 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-aċċess għar-repożitorju ċentrali għar-rapportar u għall-istatistika msemmi fl-Artikolu 39 tar-Regolament (UE) Nru 2019/818 għandu jingħata lil eu-LISA, lill-Kummissjoni***, lill-[Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil]*** u lill-awtoritajiet maħtura minn kull Stat Membru f'konformità mal-Artikolu 28(2). Jista' jingħata wkoll aċċess lil utenti awtorizzati ***ta' Aġenziji oħra*** tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni jekk tali aċċess ikun rilevanti għall-implimentazzjoni tal-kompiti tagħhom.***";***	6. L-aċċess għar-repożitorju ċentrali għar-rapportar u għall-istatistika msemmi fl-Artikolu 39 tar-Regolament (UE) Nru 2019/818 għandu jingħata lil eu-LISA, lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet maħtura minn kull Stat Membru f'konformità mal-Artikolu 28(2). Jista' jingħata wkoll aċċess lil utenti awtorizzati ***tal-Aġenziji*** tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni ***rilevanti, b'mod partikolari lill-[Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil], lill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u lill-Europol,*** jekk tali aċċess ikun rilevanti għall-implimentazzjoni tal-kompiti tagħhom.

Or. en

Emenda 19
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 14 – Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Kull Stat Membru għandu jieħu d-data bijometrika ta' kull applikant għall-protezzjoni internazzjonali li jkollu tal-inqas sitt snin ***waqt l-iskrinjar kif imsemmi fir-Regolament (UE) XXX/XXX [Regolament dwar l-Iskrinjar] jew, meta d-data bijometrika ma setgħetx tittieħed waqt l-iskrinjar jew meta l-applikant ma kienx soġġett għal skrinjar, mar-reġistrazzjoni*** tal-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali msemmija fl-	1. Kull Stat Membru għandu jieħu d-data bijometrika ta' kull applikant għall-protezzjoni internazzjonali li jkollu tal-inqas ***l-età ta'*** sitt snin***:***

Artikolu 27 tar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX [Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil] ***u*** għandu, mill-aktar fis possibbli ***u*** mhux aktar tard minn 72 siegħa wara t-teħid tad-data bijometrika, ***jittrażmettihom*** flimkien mad-data msemmija fl-Artikolu 12 ***minn (c) sa (p) ta' dan ir-Regolament*** lis-Sistema Ċentrali u lis-CIR kif xieraq skont l-Artikolu 4(2).	***(a) fil-mument tar-reġistrazzjoni*** tal-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali msemmija fl-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX [Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil]***; jew***
	(b) fil-mument li fih issir l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, fejn l-applikazzjoni ssir f'punt ta' qsim mal-fruntiera jew f'żona ta' tranżitu minn persuna li ma tissodisfax il-kundizzjonijiet tad-dħul stabbiliti fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2016/399.
	Kull Stat Membru għandu, mill-aktar fis possibbli ***iżda*** mhux aktar tard minn 72 siegħa wara t-teħid tad-data bijometrika ***tal-applikant għall-protezzjoni internazzjonali***, ***jittrażmettiha*** flimkien mad-data msemmija fl-Artikolu 12***(1)*** lis-Sistema Ċentrali u lis-CIR**,** kif xieraq**,** skont l-Artikolu 4(2).
	Or. en

Emenda 20
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 14 – Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar l-Iskrinjar] ikun japplika u l-persuna tapplika għal protezzjoni internazzjonali	***imħassar***

waqt l-iskrinjar, fil-każ ta' kull applikant għall-protezzjoni internazzjonali ta' mill-inqas sitt snin, kull Stat Membru għandu juża d-data bijometrika meħuda waqt l-iskrinjar u jittrażmettiha flimkien mad-data msemmija fl-Artikolu 12 minn (c) sa (p) ta' dan ir-Regolament lis-Sistema Ċentrali u lis-CIR kif xieraq skont l-Artikolu 4(2), mhux aktar tard minn 72 siegħa mir-reġistrazzjoni tal-applikazzjoni msemmija fl-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) XXX/ XXX [ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil].

Or. en

Emenda 21
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 14 – Artikolu 10 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fejn mitlub mill-Istat Membru kkonċernat, id-data bijometrika tista' tittieħed ukoll u tiġi trażmessa f'isem dak l-Istat Membru minn membri tat-Timijiet Ewropej ta' Gwardji tal-Fruntiera u tal-Kosta jew esperti tat-timijiet ta' appoġġ fil-qasam tal-ażil meta jeżerċitaw is-setgħat u jwettqu l-kompiti tagħhom skont ir-Regolament (UE) 2019/1896 u r-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar l-Aġenzija tal-UE għall-Ażil].	3. Fejn mitlub mill-Istat Membru kkonċernat, id-data bijometrika ***u alfanumerika*** tista' tittieħed ukoll u tiġi trażmessa f'isem dak l-Istat Membru minn membri tat-Timijiet Ewropej ta' Gwardji tal-Fruntiera u tal-Kosta jew esperti tat-timijiet ta' appoġġ fil-qasam tal-ażil meta jeżerċitaw is-setgħat u jwettqu l-kompiti tagħhom skont ir-Regolament (UE) 2019/1896 u r-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar l-Aġenzija tal-UE għall-Ażil].

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din il-proposta tinkludi żieda importanti, li hija li għandha tiġi trażmessa data alfanumerika rilevanti tal-applikanti għall-ażil jew tal-migranti illegali lill-Eurodac. Din l-emenda, fil-futur, tappoġġa aħjar lill-Istat Membru ospitanti billi tittrażmetti f'isem l-awtorità kompetenti mhux biss id-data bijometrika iżda wkoll dik alfanumerika li għandha tingħabar matul l-istess proċess ta' skrinjar taċ-ċittadin ta' pajjiż terz.

Emenda 22
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 14 – Artikolu 10 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Fejn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida li jkunu nstabu li qed joqogħdu illegalment fi Stat Membru japplikaw għall-protezzjoni internazzjonali fil-mument jew wara li jinqabdu, dak l-Istat Membru ma għandux ikun eżentat mill-obbligu li jiġbor u jirreġistra d-data bijometrika ta' dak iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida skont l-Artikolu 14.

Or. en

Emenda 23
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 14 – Artikolu 10 – paragrafu 4b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4b. Fejn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida li jkunu nqabdu f'konnessjoni ma' qsim irregolari ta' fruntiera esterna japplikaw għall-protezzjoni internazzjonali fil-mument jew wara li jinqabdu, l-Istat Membru li jaqbadhom ma għandux ikun eżentat mill-obbligu li jiġbor u jirreġistra d-data bijometrika ta' dak iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida skont l-Artikolu 13.

Or. en

Emenda 24
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 14 – Artikolu 10 – paragrafu 4c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4c. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafi 4a u 4b ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom jużaw mill-ġdid id-data bijometrika meħuda skont l-Artikoli 13 u 14 għat-trażmissjoni lis-Sistema Ċentrali u fis-CIR skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

Or. en

Emenda 25
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 16 – Artikolu 12 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-informazzjoni li ġejja biss għandha tiġi rreġistrata fis-Sistema Ċentrali u fis-CIR kif xieraq:	L-informazzjoni li ġejja biss għandha tiġi rreġistrata fis-Sistema Ċentrali u fis-CIR***,*** kif xieraq***, skont l-Artikolu 4(2)***:

Or. en

Emenda 26
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 16 – Artikolu 12 – punt o

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(o) id-data li fiha l-informazzjoni ġiet trażmessa lis-Sistema Ċentrali u ***li-CIR*** kif xieraq***;***	(o) id-data li fiha l-informazzjoni ġiet trażmessa lis-Sistema Ċentrali u ***lis-CIR,*** kif xieraq***, skont l-Artikolu 4(2):***

Or. en

Emenda 27
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 16a (ġdid) – Artikolu 12a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 12a
	Ġbir u trażmissjoni ta' data tal-marki tas-swaba' u tal-immaġni tal-wiċċ
	1. Kull Stat Membru għandu jieħu fil-pront il-marki tas-swaba' kollha u jieħu l-immaġni tal-wiċċ ta' kull ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida risistemati li jkollhom tal-inqas l-età ta' sitt snin meta jaslu fit-territorju tiegħu, u għandu jittrażmetti l-marki tas-swaba' u l-immaġni tal-wiċċ, flimkien ma' data oħra msemmija fl-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) .../..., lis-Sistema Ċentrali.
	In-nuqqas ta' konformità mar-rekwiżit tat-teħid fil-pront tal-marki tas-swaba' kollha u l-immaġni tal-wiċċ ma għandux jeżonora lill-Istati Membri mill-obbligu li jieħdu l-marki tas-swaba' u l-immaġni tal-wiċċ u li jittrażmettuhom lis-Sistema Ċentrali. Meta l-kundizzjoni tat-truf tas-swaba' ma tippermettix li jittieħdu marki tas-swaba' bi kwalità li tiżgura tqabbil xieraq skont l-Artikolu 26, l-Istat Membru ta' risistemazzjoni għandu jerġa' jieħu l-marki tas-swaba' tal-applikant u jibgħathom mill-ġdid mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard minn 48 siegħa wara li jkunu reġgħu ttieħdu b'suċċess.
	2. B'deroga mill-paragrafu 1, fejn mhux possibbli li jittieħdu l-marki tas-swaba', l-immaġni tal-wiċċ jew it-tnejn, ta' ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida risistemati minħabba miżuri li jkunu ttieħdu sabiex tiġi żgurata s-saħħa tiegħu jew tagħha jew il-protezzjoni tas-saħħa pubblika, l-Istati Membri

għandhom jieħdu u jibagħtu dawn il-marki, l-immaġni tal-wiċċ jew it-tnejn mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard minn 48 siegħa wara li dawk ir-raġunijiet ta' saħħa ma jibqgħux validi.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-dħul mill-ġdid tal-pożizzjoni tal-Parlament dwar din il-kategorija ta' persuni li għandhom jiġu rreġistrati fil-Eurodac. Spjegazzjonijiet ulterjuri jinsabu fin-nota spjegattiva tar-Rapporteur.

Emenda 28
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 16b (ġdid) – Artikolu 12b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 12b
	Reġistrazzjoni tad-data
	Id-data li ġejja biss għandha tiġi rreġistrata fis-Sistema Ċentrali:
	(a) id-data dwar il-marki tas-swaba';
	(b) l-immaġni tal-wiċċ;
	(c) il-kunjom(ijiet) u l-isem/ismijiet, l-isem/ismijiet fit-twelid u l-ismijiet użati qabel u kwalunkwe psewdonimu, li jistgħu jiddaħħlu separatament;
	(d) in-nazzjonalità/ajiet;
	(e) il-post u d-data tat-twelid
	(f) l-Istat Membru ta' risistemazzjoni, il-post u d-data tar-reġistrazzjoni;
	(g) is-sess;
	(h) fejn ikun applikabbli, it-tip u n-numru tal-identità jew id-dokument tal-ivvjaġġar; il-kodiċi bi tliet ittri tal-pajjiż emittenti u l-validità;
	(i) in-numru ta' referenza użat mill-Istat Membru ta' oriġini;

(j) id-data li fiha ttieħdu l-marki tas-swaba' u / jew l-immaġni tal-wiċċ;

(k) id-data li fiha tkun ġiet trażmessa d-data lis-Sistema Ċentrali;

(l) l-ID ta' utent tal-operatur.

Or. en

Emenda 29
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 17 – Artikolu 13 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istat Membru kkonċernat għandu, mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard minn 72 siegħa wara d-data tal-qbid, jittrażmetti lis-Sistema Ċentrali u lis-CIR kif xieraq id-data li ġejja f'dak li għandu x'jaqsam ma' kull ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida, kif imsemmi fil-paragrafu 1, li ma jkunux mibgħuta lura:	2. L-Istat Membru kkonċernat għandu, mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard minn 72 siegħa wara d-data tal-qbid, jittrażmetti lis-Sistema Ċentrali u lis-CIR***,*** kif xieraq***, skont l-Artikolu 4(2),*** id-data li ġejja f'dak li għandu x'jaqsam ma' kull ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida, kif imsemmi fil-paragrafu 1, li ma jkunux mibgħuta lura:

Or. en

Emenda 30
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 17 – Artikolu 13 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Fejn mitlub mill-Istat Membru kkonċernat, id-data bijometrika tista' tittieħed ukoll u tiġi trażmessa f'isem dak l-Istat Membru minn membri tat-Timijiet Ewropej ta' Gwardji tal-Fruntiera u tal-Kosta jew esperti tat-timijiet ta' appoġġ fil-qasam tal-ażil meta jeżerċitaw is-setgħat u jwettqu l-kompiti tagħhom skont ir-Regolament (UE) 2019/1896 u r-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-	7. Fejn mitlub mill-Istat Membru kkonċernat, id-data bijometrika ***u alfanumerika*** tista' tittieħed ukoll u tiġi trażmessa f'isem dak l-Istat Membru minn membri tat-Timijiet Ewropej ta' Gwardji tal-Fruntiera u tal-Kosta jew esperti tat-timijiet ta' appoġġ fil-qasam tal-ażil meta jeżerċitaw is-setgħat u jwettqu l-kompiti tagħhom skont ir-Regolament (UE) 2019/1896 u r-Regolament (UE)

Regolament dwar l-Aġenzija tal-UE għall-Ażil].	XXX/XXX [ir-Regolament dwar l-Aġenzija tal-UE għall-Ażil].

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din il-proposta tinkludi żieda importanti, li hija li għandha tiġi trażmessa data alfanumerika rilevanti tal-applikanti għall-ażil jew tal-migranti illegali lill-Eurodac. Din l-emenda, fil-futur, tappoġġa aħjar lill-Istat Membru ospitanti billi tittrażmetti f'isem l-awtorità kompetenti mhux biss id-data bijometrika iżda wkoll dik alfanumerika li għandha tinġabar matul l-istess proċess ta' skrinjar taċ-ċittadin ta' pajjiż terz.

Emenda 31
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 18 – Artikolu 14 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istat Membru kkonċernat għandu, mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard minn 72 siegħa wara li ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida li jkunu nstabu li qed joqogħdu illegalment, jittrażmetti lis-Sistema Ċentrali u lis-CIR kif xieraq id-data li ġejja f'dak li għandu x'jaqsam ma' kull ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida, kif imsemmi fil-paragrafu 1:	2. L-Istat Membru kkonċernat għandu, mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard minn 72 siegħa wara li ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida li jkunu nstabu li qed joqogħdu illegalment, jittrażmetti lis-Sistema Ċentrali u lis-CIR***,*** kif xieraq***, skont l-Artikolu 4(2),*** id-data li ġejja f'dak li għandu x'jaqsam ma' kull ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida, kif imsemmi fil-paragrafu 1:

Or. en

Emenda 32
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Punt 19 — Kapitolu iv a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) il-Kapitolu li ġej jiddaħħal wara l-Artikolu 14:	***imħassar***

"Kapitolu iv a

(Din l-emenda tapplika għat-test kollu. L-adozzjoni tagħha timponi bidliet fit-test kollu.)

Ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni apolidi żbarkati wara operazzjoni ta' tfittxija u salvataġġ

Artikolu 14a

Ġbir u trażmissjoni ta' data bijometrika

1. Kull Stat Membru għandu minnufih jieħu d-data bijometrika ta' kull ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida ta' mill-inqas sitt snin li jiġu żbarkati wara operazzjoni ta' tfittxija u salvataġġ, kif iddefinit fir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni].

2. L-Istat Membru kkonċernat għandu, mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard minn 72 siegħa wara d-data tal-qbid, jittrażmetti lis-Sistema Ċentrali u lis-CIR id-data li ġejja f'dak li għandu x'jaqsam ma' kull ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida, kif imsemmi fil-paragrafu 1:

(a) id-data dwar il-marki tas-swaba';

(b) l-immaġni tal-wiċċ;

(c) il-kunjom(ijiet) u l-isem/ismijiet, l-isem/ismijet fit-twelid u l-ismijiet użati qabel u kwalunkwe psewdonimu, li jistgħu jiddaħħlu separatament;

(d) nazzjonalità(jiet);

(e) id-data tat-twelid;

(f) post tat-twelid;

(g) l-Istat Membru ta' oriġini, il-post u d-data tal-iżbark;

(h) is-sess;

(i) it-tip u n-numru tal-identità jew dokument tal-ivvjaġġar; il-kodiċi bi tliet ittri tal-pajjiż emittenti u d-data tal-iskadenza;

(j) jekk disponibbli, kopja bil-kulur skennjata ta' dokument tal-identità jew

tal-ivvjaġġar flimkien ma' indikazzjoni tal-awtentiċità tiegħu jew, jekk mhux disponibbli, dokument ieħor li jiffaċilita l-identifikazzjoni taċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida flimkien ma' indikazzjoni tal-awtentiċità tiegħu;

(k) in-numru ta' referenza użat mill-Istat Membru ta' oriġini;

(l) id-data li fiha ttieħdet id-data bijometrika;

(m) id-data li fiha l-informazzjoni ġiet trażmessa lis-Sistema Ċentrali u li-CIR kif xieraq;

(n) il-user ID tal-operatur;

(o) fejn applikabbli skont l-Artikolu 6, id-data li fiha l-persuna kkonċernata ħalliet jew tkeċċiet mit-territorju tal-Istati Membri;

(p) l-Istat Membru tar-rilokazzjoni skont l-Artikolu 14b(1);

(q) fejn applikabbli, il-fatt li l-assistenza għar-ritorn volontarju u r-riintegrazzjoni (AVRR) ingħatat,

(r) il-fatt li l-persuna tista' tkun ta' theddida għas-sigurtà interna wara l-iskrinjar imsemmi fir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar l-Iskrinjar].

4. In-nuqqas ta' konformità mal-limitu tal-ħin ta' 72 siegħa msemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu ma għandux jeżonera lill-Istati Membri mill-obbligu li jieħdu u jittrasmettu d-data bijometrika lis-CIR. Meta l-kondizzjoni tat-truf tas-swaba' ma tippermettix li jittieħdu marki tas-swaba' ta' kwalità li tassigura tqabbil xieraq skont l-Artikolu 26, l-Istat Membru ta' oriġini għandu jerġa' jieħu l-marki tas-swaba' tal-persuni żbarkati kif deskritt fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u jibagħthom mill-ġdid mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard minn 48 siegħa wara li jkunu ttieħdu b'suċċess.

5. B'deroga mill-paragrafu 1, fejn mhux possibbli li tittieħed id-data bijometrika ta' persuna mwaqqfa minħabba miżuri li ttieħdu sabiex tiġi żgurata s-saħħa tal-applikant jew il-protezzjoni tas-saħħa pubblika, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jieħdu u jibagħtu din id-data bijometrika mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard minn 48 siegħa wara li dawn ir-raġunijiet ta' saħħa ma jibqgħux validi.

Fil-każ ta' problemi tekniċi serji, l-Istati Membri jistgħu jestendu ż-żmien ta' skadenza ta' 72 siegħa fil-paragrafu 2 b'massimu ta' 48 siegħa oħra sabiex iwettqu l-pjanijiet ta' kontinwità nazzjonali tagħhom.

6. Hekk kif l-Istat Membru tal-oriġini jiżgura li l-persuna kkonċernata li d-data tagħha ġiet irreġistrata fil-Eurodac skont il-paragrafu 1 ħalliet it-territorju tal-Istat Membri f'konformità mad-deċiżjoni tar-ritorn jew l-ordni ta' tkeċċija, huwa għandu jaġġorna s-sett tad-data rreġistrata skont il-paragrafu 2 rigward il-persuna kkonċernata billi jżid id-data tat-tkeċċija tagħha jew meta ħalliet it-territorju.

7. Meta jintalab mill-Istat Membru kkonċernat, id-data bijometrika tista' tittieħed u tiġi trażmessa wkoll f'isem dak l-Istat Membru minn membri tat-Timijiet Ewropej ta' Gwardji tal-Fruntiera u tal-Kosta jew minn esperti tat-timijiet ta' appoġġ fil-qasam tal-ażil meta jeżerċitaw is-setgħat u jwettqu l-kompiti tagħhom skont ir-Regolament (UE) 2019/1896 u r-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament tal-Aġenzija tal-UE għall-Ażil].

8. Kull sett ta' data miġbur u trasmess skont il-paragrafu 1 għandu jkun marbut ma' settijiet oħra ta' data li jikkorrispondu mal-istess ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida f'sekwenza kif stabbilit fl-Artikolu 4(6).

9. Sett ta' data skont il-paragrafu 1 jitqies li nħoloq għall-fini tal-Artikolu 27(1) tar-Regolament (UE) Nru 818/2019 meta d-data kollha fil-punti minn (a) sa (f) u (h) tiġi rreġistrata.";

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-inserzjoni ta' dan il-Kapitolu toħloq kategorija ġdida li ma għandhiex ġustifikazzjoni sostanzjali u fl-aħħar mill-aħħar toħloq fattur ta' attrazzjoni. Il-persuni li jiġu żbarkati wara operazzjoni ta' tiftix u salvataġġ għandhom jiġu rreġistrati bħala persuni li jaqsmu l-fruntiera illegalment, kif inhu l-każ bħalissa.

Emenda 33
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 21(-a) (ġdid) – Artikolu 17 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 12a, kull sett ta' data relatata ma' ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida risistemati għandu jinżamm fis-Sistema Ċentrali għal ħames snin mid-data li fiha jkunu ttieħdu l-marki tas-swaba'.

Or. en

Emenda 34
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 21(b) – Artikolu 17 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Hekk kif jiskadi l-perjodu taż-żamma tad-data msemmi fil-paragrafi minn (1) sa (3a) ta' dan l-Artikolu, id-data tas-suġġetti tad-data għandha titħassar mis-Sistema Ċentrali u mis-CIR kif xieraq.";	4. Hekk kif jiskadi l-perjodu taż-żamma tad-data msemmi fil-paragrafi minn (1) sa (3a) ta' dan l-Artikolu, id-data tas-suġġetti tad-data għandha titħassar ***awtomatikament*** mis-Sistema Ċentrali u

mis-CIR kif xieraq.";

Or. en

Emenda 35
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 22 – Artikolu 19 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-immarkar ***u l-imblukkar*** tad-data	L-immarkar tad-data

Or. en

Emenda 36
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 22 – Artikolu 19 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(1)(a), l-Istat Membru ta' oriġini li jkun ta protezzjoni internazzjonali ***għal*** persuna li d-data dwarha kienet irreġistrata qabel fis-Sistema Ċentrali u fis-CIR kif xieraq skont l-Artikolu 12, għandu jimmarka d-data rilevanti skont ir-rekwiżiti għall-komunikazzjoni elettronika mas-Sistema Ċentrali stabbilita mill-eu-LISA. Din il-marka għandha tinħażen fis-Sistema Ċentrali konformement mal-Artikolu 17(1) għall-finijiet tat-trażmissjoni skont ***l-Artikolu*** 15 u 16. Is-Sistema Ċentrali għandha, mill-aktar fis u mhux aktar tard minn 72 siegħa wara, tinforma lill-Istati Membri ta' oriġini kollha dwar l-immarkar tad-data minn Stat Membru ta' oriġini ieħor li jkun kiseb hit b'data li jkunu ttrażmettew relatata mal-persuni msemmija fl-Artikolu 10(1), 13(1)***,*** 14(1)***, jew 14a(1)***. Dawk l-Istati Membri ta' oriġini għandhom	1. Għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(1)(a), l-Istat Membru ta' oriġini li jkun ta protezzjoni internazzjonali ***lil*** persuna li d-data dwarha kienet irreġistrata qabel fis-Sistema Ċentrali u fis-CIR***,*** kif xieraq***, f'konformità mal-Artikolu 4(2)*** skont l-Artikolu 12, għandu jimmarka d-data rilevanti skont ir-rekwiżiti għall-komunikazzjoni elettronika mas-Sistema Ċentrali stabbilita mill-eu-LISA. Din il-marka għandha tinħażen fis-Sistema Ċentrali konformement mal-Artikolu 17(1) għall-finijiet tat-trażmissjoni skont ***l-Artikoli*** 15 u 16. Is-Sistema Ċentrali għandha, mill-aktar fis u mhux aktar tard minn 72 siegħa wara, tinforma lill-Istati Membri ta' oriġini kollha dwar l-immarkar tad-data minn Stat Membru ta' oriġini ieħor li jkun kiseb hit b'data li jkunu ttrażmettew relatata mal-persuni msemmija fl-Artikolu 10(1), 13(1) ***jew*** 14(1). Dawk l-

jimmarkaw ukoll is-settijiet tad-data korrispondenti.	Istati Membri ta' oriġini għandhom jimmarkaw ukoll is-settijiet tad-data korrispondenti.

Or. en

Emenda 37
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 22 – Artikolu 19 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Id-data dwar benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali maħżuna fis-Sistema Ċentrali u fis-CIR kif xieraq u mmarkata skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha ssir disponibbli għal tqabbil għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(1)d sakemm tali data titħassar awtomatikament mis-Sistema Ċentrali u mis-CIR kif xieraq skont l-Artikolu 17(4).	2. Id-data dwar benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali maħżuna fis-Sistema Ċentrali u fis-CIR**,** kif xieraq**,** ***f'konformità mal-Artikolu 4(2),*** u mmarkata skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha ssir disponibbli għal tqabbil għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(1)d sakemm tali data titħassar awtomatikament mis-Sistema Ċentrali u mis-CIR kif xieraq skont l-Artikolu 17(4).

Or. en